MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru 537/2002

IL-PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONELLO
VS
GILBERT FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gilbert Farrugia, ta' 20 sena, iben George u Carmela nee' Buttigieg, imwieled Pieta' fis-6 ta' Marzu 1982, residenti 'Block J', Flat 1, Housing Estate, Zabbar, jew 'St. Francis', Triq Wigi Rosato, Bormla, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 150782(M).

Akkuzat talli; fid-19 ta' April 2002, ghall-habta tas-1:30p.m. waqt li kien gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta', hebb ghall-Dr. Andrew Cassar M. D. sabiex ingurjah, dejqu, jew ghamel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

Akkuzat ukoll talli; fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Dr. Andrew Cassar M. D. persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

Illi akkuzat ukoll aktar talli; volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Illi akkuzat ukoll aktar talli; qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

Illi akkuzat ukoll talli; kiser il-provediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitlu 152 b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LLD. Fl-14 ta' Mejju 2000, ghall-perjodu ta' tlett snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (fol.8) u dak ta' l-imputat (fol.6)

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 338 (ee), 95, 338 (dd), 338 (bb), 342, 28A Kap.9 u Artikolu 23 Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xuhur prigunerija sospizi ghal sena, u dan in vista tal-eta' tal-imputat, l-ammissjoni tieghu, u l-fedina penali tal-istess imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------